MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 12/2010/1

**Emanuel Magri**

**vs**

**il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

Dawn huma proceduri ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi li giet deciza minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-27 ta' Ottubru, 2011.

Ir-rikorrent kien appella minn decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud moghtija fil-21 ta' Ottubru 2010 li kienet iddecidiet hekk:

5. Illi ghal dawn ir-ragunijiet migjuba, il-Bord ghandu jichad l-Appell, l-ewwelnett billi huwa rrimedjabilment tardiv, u billi t-terminu fatali ta' 30 gurnata ma jistax jinfetah lanqas ghal xi kaz pjetuz - kif ghallmet il-Qorti tal-

Appell; kif ukoll subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni ta' nullita', l-Appellant ma kienx ezonera l-piz tal-prova fuqu skont is-subparagrafi (2) u (3) tal-Partita 4 tad-Disa' Skeda tal-Att."

Il-Bord wara li qara u sema' dak kollu li nkiteb u ntqal miz-zewg partijiet wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet;

Li ghalkemm ic-certifikat mediku f'isem l-appellant hareg fis-sena 2006 jidher mic-certifikat stess li l-problemi serji tat-tifel tieghu mmanifestaw ruhhom fis-sena 2005, jigifieri s-sena li huwa kien obbligat li jissottometti l-appell u ghalhekk ghar-ragunijiet umanitarji l-Appell qed jigi meqjus bhala wiehed validu.

Li fir-rigward tal-mertu tal-kaz, il-Bord ma jistax jiggustifika s-sensiela ta' nuqqasijiet elenkati mid-Dipartiment bis-sahha tal-argumenti migjub mill-Appellant fis-sottomissjoni tieghu tat-23 ta' Gunju 2010, aktar u aktar meta fl-ewwel seduta hareg il-fatt li l-appellant kellu diga` kuntatt mal-accountant tieghu, is-Sur Anatole Baldacchino li asssitieh ukoll waqt is-seduti.

L-Appell ghalhekk huwa michud.

Ir-rikorrent appella minn din id-decizjoni quddiem il-Qorti tal-Appell  li cahdet l-appell billi rrevokat is-sentenza tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u qalet:

Illi ghalhekk l-appell qed jigi michud fis-sens hawn deciz ghaliex fuq kollox l-appell quddiem il-Bord kien null u bla effett ghaliex tardiv u mhux prezentat fit-terminu ndikat  fl-artikolu 4 (1) (d) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406.

Illi ghall-grazzja tal-argument biss jinghad li fit-tieni lok u fil-mertu anke kieku din il-Qorti kellha tikkonsidra l-mertu tal-appell, jinghad li l-ewwel (u t-tieni) aggravju huma bla ebda bazi  legali.

Din il-Qorti sejra, f'dan l-istadju, tirriproduci fl-intier taghha din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, ghax minnha jirrizultaw it-talbiet tar-rikorrent, l-eccezzjonijiet tal-intimat, u s-

sentenza li minnha r-rikorrent qed jilmenta u jitlob ir-ritrattazzjoni taghha.

Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tghid hekk:

I. PRELIMINARI.

Illi fil-21 ta' Ottubru 2010 il-Bord tal-Appell Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizzjud ippronunzja d-decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"Fis-16 ta' April 2009, l-appellant EMANUEL MAGRI, li kien jahdem xoghol ta' aluminium issottometta l-Formola A tal-Appell kontra stejjem mahruga mid-Dipartiment tal-VAT fuq il-perjodu 01.01.99 - 30.04.04 ghall-ammont ta' €13,204 minghajr penali amministrattiva u mghax.*

*Saru zewg seduti qabel il-Bord seta' jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu.*

*Ghall-ewwel seduta fit-3 ta' Gunju 2010 deher is-Sur Emanuel Magri, assistit mis-Sur Antole Baldacchino, Accountant. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal.*

*Id-Dipartiment beda biex qajjem eccezzjoni ta' invalidita` fir-rigward tal-Appell ghar-raguni li kien sar 4 snin wara li hargu l-istejjem. Dawn l-istejjem kienu hargu minhabba li l-appellant kien jimla d-denunzji bhala ezenti minghajr kreditu meta l-attivita' kienet wahda taxxabbli; barra minn hekk fis-sena 1999 l-appellant kien qabez it-threshold stabbilit. Id-Dipartiment kompla jghid li fl-14 ta' Ottubru 2004, l-appellant kien intalab bil-miktub sabiex jipprezenta d-dokumenti tan-negozju izda huwa ma wegibx; l-istess gara meta ntbaghtet ittra ohra fil-5 ta' Jannar 2005. Ghalhekk inhargu l-istejjem provizorji li tqassmu lill-appellant fil-25 ta' Jannar 2005 waqt li l-istejjem propji tqassmu fis-16 ta' Mejju 2005; dawn l-istejjem gew ikkalkulati a bazi tad-denunzji tal-appellant. Id-Dipartiment ipprezenta evidenza ta' dan kollu kif ukoll tal-"workings" li ntuzaw u kopja ta' dawn giet mghoddija lill-appellant.*

*L-appellant wiegeb li l-kawza principali ta' dawn in-nuqqasijiet kienet li huwa kien ghaddej minn problemi ta' sahha tat-tifel tieghu; din kienet ukoll ir-raguni ghaliex l-Appell kien sottomess tard. Huwa rrefera ghac-certifikat mediku annes mal-Appell li juri li dawn il-problemi sehhew fis-sena 2006, jigifieri sentejn wara li graw in-nuqqasijiet msemmija mid-Dipartiment.*

*F'dan l-istadju, il-Bord talab lill-appellant li jaghmel sottomissjoni bil-miktub sabiex jirribatti dak li ntqal mid-Dipartiment u aggorna s-seduta.*

*It-tieni seduta saret fit-2 ta' Settembru 2010 fejn deher is-Sur Emanuel Magri, assistit mis-Sur Anatole Baldacchino. Accountant. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal. Kien prezenti wkoll is-Sur Roderick Zammit Randich, Assistent Principal.*

*Sadanittant fit-23 ta' Gunju 2010 waslet sottomissjoni mill-apellant bil-lingwa Ingliza li kienet ibbazata fuq dawn il-punti :-*

*1. Li l-problemi ta' sahha tat-tifel tieghu kkawzaw danni ghan-negozju tieghu tant hu hekk li dan in-negozju gie abbandunat u huwa mar jahdem go hotel.*

*2. Li kien hemm diffikultajiet ta' komunikazzjoni bejnu u d-Dipartiment, ezempju certi ittri tieghu ma gewx imwiegba mid-Dipartiment, u dan ikkawza hafna min-nuqqasijiet li semma' d-Dipartiment fl-ewwel seduta.*

*3. Li l-bidla tat-tassassjoni minn CET ghall-VAT 2 kienet il-kawza li l-ittra li huwa kien kiteb fis-sena 1997 sabiex johrog mis-sistema ta' rifuzjoni ma gietx ikkunsidrata mid-Dipartiment.*

*Fit-12 ta' Lulju 2010, id-Dipartiment wiegeb hekk bil-miktub:-*

*1. Illi l-ewwel nett l-appell mhux validu ghax huwa tardiv b'aktar minn erba' snin. Il-fatti juru li ghalkemm id-Dipartiment baghat aktar minn avviz wiehed biex jingiebu*

*r-records, il-persuna registrata ma wettqitx l-obbligu taghha kif huwa mitlub fl-Artiklu 48(5).*

*2. Illi fl-ewwel Ligi, jigifieri l-Att XII tal-1994 ma kienx hemm kategoriji ta' thresholds, u ghal fini tal-Att XXIII tal-1998, fejn allura l-persuna registrata kellha l-ghazla tidholx fl-iskema tar-rifuzjoni jew le, dan seta' jsehh biss, jekk hija ma teccedix is-somma stipulat. Fil-kaz prezenti, il-persuna registrata ma kellhiex ghazla, ghax fl-ahhar sena kalendarja tal-1998 is-somma ddikjarata fid-denunzji kienet taqbez it-threshold ta' Lm 10,000.*

*3. Illi fis-sena 1998 id-dikjarazzjonijiet ta' din l-attivita' kienu jammontaw ghal Lm11,204.*

*4. Illi peress li ma gewx ipprovduti d-dokumenti tan-negozju, la fl-istadju tal-investigazzjoni u lanqas wara li nhargu l-istejjem provizorji, l-Input VAT fuq ix-xiri ma setax jigi kkunsidrat mid-Dipartiment.*

*5. Illi ghal dawn ir-ragunijiet migjuba, il-Bord ghandu jichad l-Appell, l-ewwelnett billi huwa rrimedjabilment tardiv, u billi t-terminu fatali ta' 30 gurnata ma jistax jinfetah lanqas ghal xi kaz pjetuz - kif ghallmet il-Qorti tal-Appell; kif ukoll subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni ta' nullita', l-Appellant ma kienx ezonera l-piz tal-prova fuqu skont is-subparagrafi (2) u (3) tal-Partita 4 tad-Disa' Skeda tal-Att."*

*Il-Bord wara li qara u sema' dak kollu li nkiteb u ntqal miz-zewg partijiet wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet;*

*1. Li ghalkemm ic-certifikat mediku f'isem l-appellant hareg fis-sena 2006 jidher mic-certifikat stess li l-problemi serji tat-tifel tieghu mmanifestaw ruhhom fis-sena 2005, jigifieri s-sena li huwa kien obbligat li jissottometti l-appell u ghalhekk ghar-ragunijiet umanitarji l-Appell qed jigi meqjus bhala wiehed validu.*

*2. Li fir-rigward tal-mertu tal-kaz, il-Bord ma jistax jiggustifika s-sensiela ta' nuqqasijiet elenkati mid-Dipartiment bis-sahha tal-argumenti migjub mill-Appellant*

*fis-sottomissjoni tieghu tat-23 ta' Gunju 2010, aktar u aktar meta fl-ewwel seduta hareg il-fatt li l-appellant kellu diga` kuntatt mal-accountant tieghu, is-Sur Anatole Baldacchino li asssitieh ukoll waqt is-seduti.*

*L-Appell ghalhekk huwa michud.*

Rat ir-rikors tal-Appell ta' Emanuel Magri datat 29 ta' Novembru 2010 fejn talab lill-Qorti tirrevoka u thassar id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud in kwantu nulla u bla effett, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju appellat.

Rat ir-risposta tal-Appell tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud datata 20 ta' Dicembru 2010 a fol 77 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-29 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Franco Galea ghall-appellant, u Alfred Caruana Petit. L-appell gie pospost. Meta rega' ssejjah l-appell deher ukoll Dr. Kris Balzan ghad-Dipartiment tal-VAT. Dr. Galea talab korrezzjoni f' paragrafu 10 tar-rikors tieghu fis-sens li s-sena 2007 tigi sostitwita b'1997. Dr. Kris Balzan ma opponiex. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li ssir tali korrezzjoni. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fl-appell odjern l-appellanti qed isostni li hemm nullita' tad-decizjoni tal-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (il-Bord) ghaliex qed isostni (a) li saret interpretazzjoni hazina tal-Ligi ghaliex gew ikkonfermati l-istejjem provizjorji li inhargu mid-Dipartiment meta skond l-appellanti huwa kien ikkonforma ruhu ma' dak li jipprovdi l-artikolu 10 (7) tal-Kap. 406, b'ittra datata 12 ta' Mejju 2007; (b) li l-Bord naqas milli jaghti ragunijiet dwar il-punti

legali mressqa quddiemu u ghalhekk tali decizjoni hija nulla u bla effett ghaliex id-decizjoni ma kienitx ben motivata – fis-sens ma inghatawx ragunijiet ghaliex il-Bord iddecieda kif iddecieda ("Dr. Alfred Sant nomine vs Kummissarju tat-Taxxi Interni" – A.C. – 4 ta' Marzu 1992); "Anthony Galdes Giappone vs Direttur tas-Sigurta' Socjali" (A.I.C. (PS) 9 ta' Jannar 2009); "Gordon Agius vs Avukat Generali et" (A.C. – 20 ta' Dicembru 2000); "Maria Bonavia vs Direttur tas-Sigurta' Socjali" (A.I.C. (PS) - 29 ta' Jannar 2009).

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li ghandha tirrileva anke li l-appell quddiem il-Bord kien null u bla effett ghaliex tardiv, u dan peress li l-istess appell ma giex intavolat fiz-zmien preskritt fl-artikolu 4 (1) (d) tad-Disa' Skeda tal-Ligi, u dan ghaliex l-appell ma sarx fi zmien 30 gurnata mid-data tan-notifika ta' l-avviz li kontrih sar l-appell. Fil-fatt jirrizulta li inhargu stejjem provizorji fil-25 ta' Jannar 2005 u stejjem finali fis-16 ta' Mejju 2005 u dan ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1999 u t-30 ta' Settembru 2004, u jirrizulta li l-appell sar biss b'ittra tat-13 ta' Marzu 2009 u formula tas-16 ta' April 2009, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-appell huwa tardiv u allura l-istess appell quddiem l-Bord qed jigi ddikjarat bhala null u bla effett ai termini tal-ligi, u allura f'dan is-sens id-decizjoni tal-Bord qed tigi revokata f'dik il-parti fejn iddikjarat l-appell quddiemu bhala validu, u tiddikjara minflok li l-appell tal-appellant quddiem l-istess Bord huwa null u bla effett ghaliex ma sarx fit-terminu indikat fl-artikolu 4 (1) (d) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406. B'hekk dan l-appell qed jigi michud u l-Qorti qed tilqa' l-ewwel eccezzjoni li d-Dipartiment kien qajjem quddiem l-istess Bord dwar it-tardivita' tal-istess appell. Jinghad ukoll li l-appellant stess fl-appell tieghu sostna u ammetta li l-appell tieghu kien tardiv. Minflok huwa ttenta jaghmel ukoll dan l-appell, haga li ma tistax legalment issegwi u certament li dak li nghad mill-Bord fuq dan il-punt huwa fl-ahjar ipotesi *non sequitur.*

Illi ghall-grazzja tal-argument biss jinghad li fit-tieni lok u fil-mertu anke kieku din il-Qorti kellha tikkonsidra l-mertu tal-appell, jinghad li l-ewwel aggravju huwa bla ebda bazi

legali u dan ghaliex fl-istess decizjoni ma hemm ebda interpretazzjoni hazina tal-ligi kif qed jallega l-appellant. Il-Bord fil-fatt fl-istess decizjoni sab li minkejja li d-Dipartiment kiteb lill-appellant fl-14 ta’ Ottubru 2004 (notifikata fid-29 ta’ Ottubru 2004) sabiex jitolbu d-dokumenti tan-negozju, l-istess appellant baqa’ ma rrispondiex u dan lanqas wara ittra ohra datata 5 ta’ Jannar 2005 (notifikata 10 ta’ Jannar 2005) u ghalhekk jirrizulta li d-Dipartiment kien korrett li jagixxi ai termini tal-artikolu 32 (1) tal-Kap. 406 bi stima provizjorja fid-dati fuq indikati u l-Bord ta’ additu ghal dan kollu skond kif jidher mid-decizjoni tal-istess Bord, li ta ragun lid-Dipartiment tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u provi quddiemu u certament li mill-istess decizjoni fuq dan il-punt ma kien hemm ebda interpretazzjoni hazina tal-Ligi kif allegata mill-istess appellanti.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad ukoll li fuq il-mertu l-istess decizjoni kienet ben motivata bizzejjed sabiex tissodisfa dan il-vot tal-Ligi fis-sens li l-appellant inghata raguni cara ghaliex l-istess Bord ma laqax fil-mertu l-appell tieghu, u dan minhabba r-ragunijiet hemm indikati fl-istess decizjoni li jirreferu ghan-nuqqasijiet kontinwi tal-appellant li jirrispondi lid-Dipartiment anke meta interpellat u ghalhekk anke dan l-aggravju fil-mertu (kieku l-appell kien wiehed validu – li ma huwiex)  huwa bla ebda bazi legali u fattwali.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi michud fis-sens hawn deciz ghaliex fuq kollox l-appell quddiem il-Bord kien null u bla effett ghaliex tardiv u mhux prezentat fit-terminu ndikat fl-artikolu 4 (1) (d) tad-Disa’ Skeda tal-Kap. 406.

III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appellat il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud datata 20 ta’ Dicembru 2010 in kwantu l-istess hija konformi ma’ dak hawn deciz, tichad l-appell interpost mill-appellanti Emanuel Magri fir-rikors tal-appell tieghu datat 29 ta’ Novembru 2010 u dan stante li l-appell quddiem il-Bord

tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud tal-istess appellant huwa null u bla effett ghaliex sar *fuori termine* u dan ghaliex ma sarx fiz-zmien indikat fl-artikolu 4 (1) (d) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406, u allura jsegwi li l-appell quddiem din il-Qorti huwa wkoll null u bla effett, u illi b'konsegwenza ta' dak hawn deciz din il-Qorti qed ukoll tiddikjara li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fl-ismijiet "Emanuel Magri vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" tal-21 ta' Ottubru 2010 bhala nulla u bla effett u dan peress li tali appell quddiem l-istess Bord skond formula datata 16 ta' April 2009 ma kellu qatt jigi accettat ghaliex huwa null u bla effett u dan peress li l-istess appell quddiem il-Bord gie pprezentat *fuori termine* u dan ghaliex ma sarx fiz-zmien indikat fl-artikolu 4 (1) (d) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant Emanuel Magri.

**Talba ghar-Ritrattazzjoni**

Kif inghad, ir-rikorrent Emanuel Magri qed jitlob li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tithassar abbazi tal-Artikolu 811(e) (k) u (l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Kummissarju tat-Taxxi Fuq il-Valur Mizjud wiegeb fl-14 ta' Frar 2012 u ghar-ragunijiet minnu premessi talab li dina l-Qorti tiddikjara it-talba ghar-ritrattazzjoni bhala frivola u vessatorja u tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti u minflok tikkonferma s-sentenza appellata.

**Fatti**

Dan huwa appell mir-rikorrent kontra stejjem mahruga mid-Dipartiment tal-VAT fuq il-perjodu 01.01.99 - 30.04.04 ghall-ammont ta' €13,204 minghajr penali amministrattiva u mghax.

**L-ewwel aggravji**

Fl-ewwel lok ir-rikorrent qed jitolb ir-ritrattazzjoni tas-sentenza surriferita abbazi tal-artikolu 811(e) billi qed isostni li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi. Fir-rikors tieghu r-rikorrent jispjega l-lanjanza tieghu b'dan il-mod:

Il-Qorti tal-Appell ma setghetx tkun selettiva fid-decizjoni taghha fejn iddikjarat nulla d-decizjoni tal-Bord li kienet iddikjarat bhala validu l-appell tar-rikorrent. Decizjoni jew hija nulla in toto jew ma hijiex nulla. Skont ir-rikorrent id-dikjarazzjoni ta' nullita' mill-Qorti tal-Appell dwar id-decizjoni tal-Bord tikkostitwixxi applikazzjoni hazina tal-ligi.

Fit-tieni lok ir-rikorrent ighid li kien hemm ukoll applikazzjoni hazina tal-ligi meta l-Qorti tal-Appell ittrattat l-ewwel aggravju tal-appellant bhala kwistjoni jekk l-intimat applikax korrettement l-Artikolu 32(1) tal-Kap 406 meta l-punt qatt ma kien jekk l-intimat setghax johrog stima.

Illi minn qari akkurat tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell jirrizulta li hija ddikjarat s-sentenza tal-Bord bhal nulla u bla effett ghaliex l-appell kien gie pprezentat tardivment u mhux fit-terminu ndikat fl-artikolu 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk iddikjarat ukoll null l-appell li kellha quddiemha u cahditu. Il-Qorti tal-Appell ma kinitx selettiva fid-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-appell quddiem il-Bord. Hi ma ddikjaratx id-decizjoni tal-Bord bhala nulla u parti ohra bhala valida izda iddikjarat li l-appell quddiem il-Bord kien fuori termine u ghalhekk irrevokat is-sentenza tal-Bord.

Il-Qorti tal-Appell setghet waqfet hemm, imma hija, ghal kull buon fini, u ghall-grazzja tal-argument biss, sabet ukoll li fil-mertu r-rikorrent ma kellux raguni u tat ir-ragunijiet, ghalkemm gustament ma jintqal xejn fil-parti deciziva tas-sentenza dwar il-mertu u dan billi l-Qorti iddikjarat l-appell quddiemha bhala null ghax il-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli kienu fuori termine u kwindi nulli.

Mill-atti jirrizulta li anke il-Bord kien iddikjara li l-appell tar-rikorrent kien rrimedjabilment tardiv u t-terminu kien fatali

pero hija ddikjarat l-appell validu fl-istess hin u qalet li fil-mertu r-rikorrent ma kienx ezonera l-piz tal-prova fuqu skont is-subparagrafi (2) u (3) tal-Partita 4 tad-Disa’ Skeda tal-Att.

Lanqas ma tista’ ssir analogija mal-istitut tal-kontumacja kif qed jipprova jaghmel ir-rikorrent billi dan l-istitut huwa regolat b’disposizzjonijiet differenti u specifici tal-Kodici tal-Procedura.

Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, l-Qorti tal-Appell kienet korretta u ma ghamlet ebda applikazzjoni hazina tal-ligi meta ddikjarat l-appell quddiem il-Bord bhala fuori termine. Hija kienet qed issegwi gurisprudenza kostanti li tirritjeni li t-terminu tal-appell huwa wiehed tassattiv u ta’ ordni pubbliku u jrid jigi segwit rigorozament u ad unguem. Ara f’dan is-sens **Richard John Bridge vs Onor. Ministru tal-Gustizzja u Intern et** (App Civ, 16/04/2012) u **Vassallo Concrete Services Limited vs Direttur Generali tal-Kuntratti**, PA, 04/10/2011.

Fl-ewwel aggravju r-rikorrent jipprova ukoll jidhol ukoll fil-mertu tal-kaz izda ladarba l-appell quddiem il-Bord gie dikjarat null mill-Qorti tal-Appell, f’dan l-istadju ta’ ritrattazzjoni, l-mertu ma jistax jigi ndagat billi din il-Qorti trid toqghod fuq il-fatti kif stabbiliti quddiem dik il-Qorti.

Illi ghalhekk ma hemmx raguni taht is-subinciz (e) tal-Art. 811 biex tintalab ir-ritrattazzjoni.

**It-Tieni aggravju**

Ir-rikorrent qed jitlob ukoll ir-ritrattazzjoni abbazi tal-artikolu 811(k) u jghid li huwa ghandu dokumenti decizivi x’jipprezenta li jikkonsistu f’fatturi u dokumentazzjoni finanzjarji tan-negozju liema dokumentazzjoni huwa ma setghax igib quddiem il-Bord tal-Appelli ghaliex il-Bord ma dahalx fil-mertu ghalkemm kien iddikjara l-appell tieghu validu.

Talba ghar-ritrattazzjoni taht dan is-subinciz tista’ issir jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deċiżiv, u li l-

parti li ġġibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li tagħti l-liġi, ma setgħatx iġġibu, qabel dik is-sentenza.

F'dan il-kaz dina l-Qorti ma tistax tara kif dokumentazzjoni li kienet diga' ghand ir-rikorrent tista' titqies bhala dokumentazzjoni gdida li r-rikorrent ma setghax qatt ikun jaf biha.

Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa ma nghatax l-opportunita' li jipprezentahom ghax il-Bord ma dahalx fil-mertu, l-Qorti tirrileva li:

*Kif inhu risapit, il-ligi trid li l-parti li ssib dokument bhal dan ma kinitx taf bih sa qabel ma nghatat is-sentenza li hija trid twaqqa', jew, ghalkemm setghet tkun taf dwaru, ma setghetx, bil-mezzi li taghtiha l-ligi, tressqu fil-kawza qabel ma tkun lahqet inghatat is-sentenza. F'kaz bhal dan, il-ligi bhal donnha trid taghmilha cara li r-rikorrent f'din il-procedura jkun irid juri li ghamel kulma seta' fil-hila tieghu u fiz-zmien xieraq biex jew isib dak id-dokument jew li jressqu fl-atti. Dan jimplika mill-anqas l-uzu ta' ghaqal ta' missier tajjeb tal-familja fit-tmexxija ta' hwejgu.* [App. Civ. 05/04/1937 fil-kawza fl-ismijiet ***Galea vs Cuschieri*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.1468**); App. Kumm. 24/01/1997 fil-kawza fl-ismijiet ***Busuttil vs Gauci et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.188**); App. Civ. 28/02/1997 fil-kawza fl-ismijiet ***Vassallo vs Chetcuti et*** (Kollez.Vol: **LXXXI.ii.417**)].

F'dan il-kaz id-dokumenti li r-rikorrenti jrid iressaq kienu ghandu, u setgha jipprezentawhom meta gie msejjah mill-intimat biex jipprezentahom. Ma jistax ighid li bejn is-snin 2004 u 2009 ma kellux opportunita' li jressaq dawn id-dokumenti, meta hu sahansitra rnexxilu anke jsib xoghol differenti milli kellu f'dan il-perjodu. Inoltre dawn id-dokumenti kienu ukoll disponibbili meta hu pprezenta mal-appell ic-certifikat mediku u anke l-ittra tal-accountant tieghu.

Inoltre f'dan l-istadju dawn id-dokument ma jistghux jigu ammessi billi l-Qorti tal-Appell ma dahlitx fil-mertu fis-

sentenza taghha, u jekk dina l-Qorti tammettihom tkun qed tiftah il-mertu.

**Tielet aggravju**

Ir-rikorrent qed jitlob ukoll ir-ritrattazzjoni abbazi tal-artikolu 811(l) tal-Kap 12 billi qed jikkontendi li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell u tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huma l-effett ta’ zball grossolan u manifest li jidher mill-atti u d-dokumenti ezebiti f’dawn il-proceduri.

L-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jiddisponi li kawza tista’ tigi ritrattrata,
*“jekk is-sentenza kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.*

*Ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta’ xi fatt li l-verita’ tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita’ tieghu tkun stabbilita’ pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza”*.

Dina l-Qorti tirrileva li f’dan ir-rigward ir-rikorrent ma ndikax fejn huwa dan l-izball ta’ fatt grossolan li jidher mill-atti. Kull ma ddecidiet il-Qorti tal-Appell kien li l-appell quddiem il-Bord kien null ghax fuori termine u cahdet l-appell. Hi semmiet biss li fil-mertu r-rikorrent ma kellux ragun ghal kull buon fini biss u ghall-grazzja tal-argument, u xejn aktar. L-appell gie michud ghax id-decizjoni tal-Bord kienet skorretta proceduralment. Ghalhekk ma jistax jinghad li sar xi zball fil-mertu, ghax il-mertu ma kienx hemm ghalfejn jigi trattat mill-Qorti.

Dan l-aggravju qed jigi michud ukoll.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u billi l-rikorrent ma ressaq ebda raguni li tiswa fil-ligi ghat-thassir tas-sentenza tas-27 ta’ Ottubru 2011, tichad it-talba tal-

rikorrent ghat-thassir ta' l-istess sentenza u ghar-ritrattazzjoni taghha.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------